**13 ta' Mejju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Francesco Cascun

*versus*

Reverendu Saċerdot Charles Vella

**Inġurja — "Animus Injuriandi" — "Animus Retorquendi" — "Animus Corrigendi" — Prova.**

*Mhix korretta l-propożizzjoni illi, meta l-kliem huma per sè nġurjużi, allura hemm preżunzjoni tal-"animus injuriandi" li teskludi kull prova ta' nuqqas ta' dak l-animu, ossija tal-eżistenza ta' animu ieħor skriminanti. Il-propożizzjoni korretta hija illi, meta l-kliem huma per sè inġurjużi, allura hemm il-preżunzjoni li ġew pronunzjati bil-koxjenza li wieħed ikun qiegħed jiddivulga propożizzjoni nfamanti, iżda din il-preżunzjoni hija "juris tantum", u sseħħ "donec probetur contrarium". U għalhekk id-differenza hija verament fl-oneri tal-prova; jiġifieri illi, meta l-kliem per sè ma jkunux inġurjużi, allura hu dmir tal-kwerelant li qabel xejn jipprova l-karattru nġurjuż tagħhom, u jkun obligu tiegħu li jipprova l-"innuendo"; u meta l-kliem ikunu "ex facie" tagħhom stess inġurjużi, allura jinxteħet fuq il-kwerelat l-obligu li jeskludi l-"animus injuriandi", li jiġi preżunt favur il-kwerelant in bażi għall-karattru manifestament inġurjuż tagħhom.*

*Ma tkunx ġustizzja li l-ġudikant jikkunsidra l-kliem iżolatament u jipprexxindi mill-kontest li fihom intqalu, u jiddiv-*

*jarahom mic-cirkustanza kollha, precedenti u konkomitanti. Rettament valutati fl-isfond tal-kumpless tal-akkadut, il-kliem jistgħu ma jirriżultawx infirmati bl-"animus injuriandi", imma bl-"animus retorquendi" u bl-"animus corrigendi", li jeskludu l-"animus injuriandi".*

Il-Qorti:— Rat il-kwerela ta' Francesco Cascun kontra r-Reverendu Saċerdot Charles Vella quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli f'dawn l-aħħar tliet xhur, ġo Ħaż-Żebbuġ u band'oħra, inġurjah;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-10 ta' Marzu 1961, li biha ddeċediet billi sabet lill-kwerelat ħati talli f'dawn l-aħħar tliet xhur, ġo Ħaż-Żebbuġ, inġurja lill-kwerelant, u kkundannatu għall-ammonizzjoni u riprensjoni; l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess kwerelat;

Rat ir-rikors li bih il-kwerelat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mill-kumpless tal-provi dehru dawn il-fatti:—

Il-kwerelat hu ċ-Chairman tal-"Marriage Advisory Council", imwaqqaf in konnessjoni mal-"Cana Movement", li tiegħu l-kwerelat hu anki d-direttur. Lokalment, din l-organizzazzjoni hi komunement magħrufa bħala "tal-għarajjes". Dan il-"Cana Movement" hu uffiċjalment rikonoxxut u sostnut mill-Awtorità Ekkleżjastika;

It-tifla tal-kwerelant, Filippa Cascun, marret ġurnata waħda fl-uffiċċju tal-kwerelat fil-"Catholic Institute" x'ħin, bħas-soltu, hu jirċievi n-nies, u rrakkontatlu li hi kienet għarusa, li l-għarus kien imur id-dar meta l-familja tagħha kienu San Pawl il-Baħar, u li mbgħad, x'ħin irritornaw Ħaż-Żebbuġ, missierha kien qalilha biex tgħid lill-għarus ħalli ma jmurx id-dar. Kompliet tispjegalu li hi kienet impjegata, li missierha kien qiegħed jinsisti li jżommilha s-salarju tagħha kollu, li hi kienet opponiet ruħha għa-

liex lill-oħtha kien għamlilha hekk, u mbgħad ma kien taha xejn dota ħlief il-flus li kienet ħallietilha ommha, u li għa'hekk kienet tibża' li lilha jagħmlilha l-istess ħaġa. Żiedet tgħidlu li ommha (li hi tilfet meta kienet żgħira kienet ħallietilha xi flus, u li missierha riedha tiffirma għal-biex jieħu l-interessi; u lmentat li missierha, li kien reġa' żżewweġ, kien jittrattaha ħażin;

Il-kwerelat staqsiha xi xtaqet li hu jagħmel, u hi qaltlu li riedet li hu jkellem lill-missierha, għaliex ma riedetx tmur id-dar. Il-kwerelat assikuraha li d-dar tmur, għaliex kien j'spera li jirranġa l-każ bħal ma rranġa oħrajn, u li kien bi ħsiebu jittelefona lill-missierha biex ikellmu. Hi wissietu li missierha kien iebes, biex joqgħod attent. Il-kwerelat in segwitu ttelefona lill-kwerelant, u qal'u mill-ewwel:— "Jiena Dun Charles, tal-għarajjes". Kompla jgħidlu li t-tifla kienet irrikorriet għandu, u li issa hu xtaq jisma lilu. Il-kwerelant mill-ewwel wera li rriżenta ruħu u qal lill-konvenut li ma setgħax imur; tant li l-kwerelat offra li jmur ikellmu hu stess Ħaż-Żebbuġ fil-għaxija, u li jeħodlu t-tifla biex jirranġaw;

B'dan ko'lu, il-kwerelant tfaċċa inaspettatament fl-uffiċċju tal-kwerelat wara nofsinhar; u anki hawn mill-ewwel wera atteġġjament ostili. Il-kwerelat spjega lill-kwerelant, bil-bona manjiera, li xtaq jisimgħu, u li soltu jko'lhom diversi każijiet li jirnexxilhom jirranġaw. Spjegalu li dan ix-xogħol kien qiegħed isir bl-annuwenza tal-Arċisqof. Il-kwerelant allura beda jgħajjat u jgħid li la l-Arċisqof u lanqas il-qassisin ma għandhom jindaħlu fil-fami'ja tiegħu, u kellhom jaraw il-familji tagħhom. Il-kwerelant kompla jgħid li t-tifla kien imissha marret għand il-Pulizija, mhux għand qassis; u baqa' jgħid hekk avvolja l-kwerelat spjegalu li kien aħjar li t-tifla tmur għand saċerdot milli tħarrax l-affarijiet u tmur għand il-Pulizija; iżda l-kwerelant baqa' juri ruħu aggressiv;

X'ħin il-kwerelat semma lill-kwerelant il-biża' tat-tifla li ma jiġrilhiex bħat-tifla l-oħra, li baqgħet indotata, il-kwerelant qallu:— "Kif tridni nkelmek, bħa'a saċerdot jew bħala żewġt irġiel?" Allura l-kwerelat, li ma setgħax jissaporti aktar il-kontenn aggressiv tal-kwerelant, bagħtu

l-barra; u peress li dak il-ħin kienet għaddejja soru, u peress li lill-kwerelant kien qiegħed jerġa' jgħid li l-Arċisqof u l-qassisin kien imisshom jieħdu ħsieb il-familji tagħhom, il-kwerelat insista li l-kwerelant jitlaq il-barra, u kompla jkeċċieħ;

Sussegwentement, il-kwerelat, li kien ansjus li jirranġa l-pendenza bejn il-kwerelant u bintu ittelefona lill-Ispettur ta' Ħaż-Żebbuġ sabiex dan jipperswadi lill-kwerelant biex filgħaxija jiltaqa' mal-kwerelat l-Għassa. Il-kwerelat għamel din il-proposta stante li l-kwerelant kien semma l-Pulizija;

Qabel ma mar Ħaż-Żebbuġ, il-kwerelat, biex jaċċerta l-fondatezza tal-ilment tat-tifla, kellem lil żewġ it-tifla l-oħra, u dan ikkonfermalu li dota ma kien ħa xejn, anzi l-kwerelant lanqas biss ma taha l-mant ta' rasha, u li lanqas ma ried iħallas il-ħelu tat-tieġ, tant li ġa kellhom l-inkwiet bejniethom;

X'ħin il-kwerelat resaq ħdejn l-Għassa ta' Ħaż-Żebbuġ, il-kwerelant beda jgħajjat jistaqsieh jekk riedx li jkeċċi lilu kif kien keċċieh hu fl-Istitut; il-kwerelat irrispondieh li hu kien sejjer l-Għassa;

L-atteġġjament tal-kwerelant baqa' aggressiv u ostili. Hu nsista li t-tifla tħalli kull ma taqla', u mbgħad, meta jiġi l-waqt, hu jagħtiha d-dota. X'ħin il-kwerelat osservalu li dan l-arranġament ma setgħax jiġi aċċettat minħabba dak li kien ġara lit-tifla l-oħra, il-kwerelant qallu "mhix affari tiegħek!" Fil-kors tad-diskors kollu, sija fl-Istitut kemm ukoll fl-Għassa, il-komportament tal-kwerelant kien dak li jinsisti li din ma kienetx affari tal-kwerelat, non ostante li l-Ispettur Cachia kien spjegalu, minn qabel ma wasal il-kwerelat, li l-kwerelat kien id-direttur tal-"Cana Movement", li kellu dan l-inkariku mill-Arċisqof, li ma kienx qiegħed jindaħal kapriċċjożament, u li kien qiegħed jaqdi missjoni. L-atteġġjament tal-kwerelant kien ukoll persistentement fis-sens li din ma kienetx affari ta' qassis, imma tal-Pulizija;

Il-kwerelant wera li kien oppost għal kull tentattiv

paċifiku biex il-pendenza tiġi rranġata. Fuq mistoqsija tal-Qorti, ripetuta minħabba r-risposti evażivi tal-kwerelant, dan ma setgħax jagħti ebda spjegazzjoni l-għaliex sab tant diffikultà li jagħti lill-kwerelat il-versjoni u r-raġunijiet tiegħu u għaliex kien ippreferixxa li t-tifla tkellem lill-Ispettur tal-Pulizija anzikkè lill-kwerelat, li kien saċerdot. Irrisponda, "inter alia", li "għaliex ma kienx jafu"; imma dan ma hux korrett, għaliex, sa minn mindu l-kwerelant ittelefonalu, hu kien qal lill-kwerelat li kien "Dun Charles tal-Għarajjes"; u in segwitu, fl-ewwel stadju ta' dan l-inċident, fl-Istitut, kien spjegalu aktar dettaljatament min kien u kif u għaliex kien qiegħed jinkarika ruħu bil-vertenza. Kwantu għat-tieni stadju, mbgħad, l-Ispettur kien spjegalu wkoll, "in dettaglio", f'liema kwalità l-kwerelat kien qiegħed jintrometti ruħu fil-kwistjoni tat-tifla;

Meta l-inkontru l-Għassa resaq biex jikkonkludi, il-kwerelant staqsa lill-kwerelat l-għaliex fl-Istitut il-kwerelat kien qallu "int għandek kontra tagħna", u l-kwerelat wieġbu "għax int ma ridtx lill-bintek tiġi għand saċerdot". Il-kwerelant irripetielu "imissha marret għand il-Pulizija"; il-kwerelat osservalu li kellu jirringrazzja lill-Bambin li kellimet saċerdot, u kompla jgħidlu "mela veru li inti għandek kontra l-qassisin". Ftehim ma setgħax isir, u huma u sejrin il-kwerelant dar fuq bintu u qalilha li mhux f'din l-okkażjoni kien imissha marret tkellem lill-kwerelat, imma meta rasha kienet mimlija...... u kompla juża kelma volgari;

Dawn huma l-fatti li jirriżultaw mill-preponderanza tal-provi;

Ikkunsidrat, "in diritto";

Għandu qabel xejn jingħad li donnha l-Ewwel Qorti rriteniet li, meta l-kliem huma per sè inġurjużi, allura hemm preżunzjoni tal-"animus injuriandi" li teskludi kull prova ta' nuqqas ta' dak l-animu, ossija tal-eżistenza ta' animu ieħor skriminanti. Bir-rispett kollu għall-Maġistrat deċidenti in prima istanza, il-propożizzjoni korretta hija li meta l-kliem ikunu per sè inġurjużi, allura hemm il-preżunzjoni li ġew pronunzjati bil-koxjenza li wieħed ikun qiegħed

jiddivulga propożizzjoni nfamanti; iżda din il-preżunzjoni li "dolus inest in re ipsa" hi biss "juris tantum", u sseħħ biss "donec probetur contrarium". Qalet korrettament il-Kassazzjoni ta' Ruma in re "Rosalbi vs. Setth" (Gpza. Pen. It. 13, 90) :— "Quando vi ha il materiale della diffamazione, considerato nella sua parte intrinseca e nella esteriorità, onde riceve forma ed evidenza, deve nell'autore ammettersi la scienza o la coscienza di ingiuriare, sorgendo contro di lui una presunzione di diritto che fa ritenere il dolo fino a prova in contrario";

L-Ewwel Qorti ċċitat il-massima "quando verba sunt per se injuriosa animus injuriandi praesumitur". Iżda dan hu veru biss fis-sens spjegat fil-ġurisprudenza hekk riassunta mill-Frola, Delle Ingiurie, p. 24, u sentenzi ċitati in calce nota (4) ċjoè :— "Quando le parole sono per sè stesse manifestamente ingiuriose, in tal caso l'animo di ingiuriare, per regola, si presume, e l'indole ingiuriosa delle parole, siccome insita nelle parole stesse, è stabilita implicitamente sì, ma necessariamente, dall'affermazione che l'agente ha profferito le parole incriminate. Ed in tal caso spetterebbe all'ingiuriato provare che in lui non eravi l'animo di ingiuriare......";

Jgħid il-Maino, Comm. Cod. Pen. It., art. 395-396, p. 417, para. 1787 :— "L'imputato deve essere perciò ammesso a dimostrare la propria intenzione non offensiva pur quando le parole materialmente suonano ingiuria";

Għalhekk, id-differenza qegħdha verament fl-oneri tal-prova. Meta l-kliem per sè ma jkunux inġurjużi, allura hu dmir tal-kwerelant li qabel xejn jipprova l-karattru nġurjuż tagħhom, u jkun obligu tiegħu li jipprova dak li fid-dottrina ngliża jissejjaħ l-"innuendo". Josserva in propożitu l-Odgers (On Libel and Slander, 1911 edit. paġ. 115 : "Where a defamatory meaning is apparent on the face of the words, no innuendo is necessary...... But where the words prima facie are not actionable, an innuendo is essential to the action". U dan għaliex, kif jgħid aktar tard (p. 116), "it is the office of an innuendo to define the defa-

matory meaning which the plaintiff sets in the words, to show how they come to have that defamatory meaning..." Imma meta l-kliem ikunu "ex facie" tagħhom stess inġurjużi, allura jinxeħet fuq il-kwerelat l-obligu li jeskludi l-"animus injuriandi", li jiġi preżunt favur il-kwerelant in bażi għall-karattru manifestament inġurjus tagħhom;

Għalhekk, il-pożizzjoni ġuridika f'dan il-każ hi din. Il-kliem li l-kwerelant kien kontra l-qassisin intqalu, u ntqalu mill-kwerelat, u dawk il-kliem per sè, speċjalment f'pajjiż kattoliku, huma nġurjużi; kwindi nħolqot kontra l-kwerelat il-preżunzjoni tal-"animus injuriandi"; iżda hu għandu jkun ammess jipprova l-kuntrarju, illi, ċjoè dawk il-kliem ma ntqalux "laedendi honorem proposito", u li għalhekk, eskluż dak l-animu, hu "culpa caret";

Ikkunsidrat;

Issa, bejn il-każ ta' min, bla ebda raġuni jew motiv, u a propożitu ta' xejn, imur jiddivulga "per vicos et plateas" li ħadd ieħor hu kontra l-qassisin, u l-każ tal-kwerelat, hemm differenza "toto caelo". Ma kienetx tkun ġustizzja kieku l-ġudikant kellu jikkunsidra dawk il-kliem iżolatament u jipprexxindi mill-kontest li fihom intqalu, u jiddivarjahom miċ-ċirkustanzi kollha, preċedenti u konkomitanti;

Kif ingħad, il-kwerelant, minflok ma espona lill-kwerelat wara li huwa kien jaf ben tajjeb f'liema kwalità dan kien xtaq ikellmu, u kif talbu ripetutament jagħmel il-kwerelat, ir-raġunijiet tiegħu bil-bona manjiera, u b'hekk talvolta kien isir arranġament amikevoli tal-kwistjoni, adonta ruħu, ħa atteġġjament irremissibbilment u ostinatament ostili u aggressiv, insista matul il-kolloqwiji kollha li t-tifla kien imissha rrikorriet għand il-Pulizija, u mhux għand qassis, u qal kliem offensiv għall-qassisin u għall-Arċisqof, fis-sens li dawn kien imisshom jaraw il-familji tagħhom. Il-kwerelant ippersista f'dan l-atteġġjament tiegħu irraġjonevoli u offensiv, non ostanti t-tentattivi tal-kwerelat biex, in eżekuzzjoni tal-missjoni tiegħu, jipperswadieh ħalli jittratta miegħu bonarjament. Kompla jinsisti fuq il-propożizzjoni tiegħu offensiva li t-tifla kien

imissha rrkorriet għand il-Pulizija, u mhux għand saċerdot, avvolja l-kwerelat osservalu (jekk kien hemm bżonn josservalu) li kien aktar konvenevoli li hi tirrikorri għand saċerdot milli għand il-Pulizija. Kien allura li l-kwerelat qal lill-kwerelant li "mela hu kien kontra l-qassisin". Dawn il-kliem, rettament valutati fl-isfond tal-kumpless tal-akkadut, ma jistgħux jiġu ritenuti nformati bl-"animus injuriandi", imma bl-"animus retroquendi" u bl-"animus corrigendi", li jeskludu l-"animus injuriandi";

Jirrileva l-Carrara (Progr. Vol. III, paġ. 112, para. 1758:— "Inquanto a colui che ritorce l'ingiuria cessa il delitto, per mancanza dell'animo, avvegnacchè si ritenga che lo facesse non per denigrire il suo offensore, ma per ributtare da sè l'ingiuria patita";

Jaddattaw ruħhom tajjeb għal dan il-każ il-kliem adoperati mill-Qorti tal-Appell ta' Milan, approvati mill-"Cassazione di Torino", fil-kawża "Coluago vs. Albertario", deċiża fit-18 ta' Mejju 1888, (Giurisprudenza Penale, 1888, pag. 289):— "La ritorsione non si identifica nè colla legittima difesa, nè colla provocazione, o compensazione, ma partecipando un poco di tutte, e specialmente della prima, è riposta in quello stato d'animo di taluno ingiuriato, che nello sfogo di un giusto dolore prorompe contro il primo ingiurante, *non coll'animo di ingiuriare, ma per difendersi*";

L-"animus injuriandi" hu anki eskluż, fil-kumulu taċċirkustanzi ta' dan il-każ, mill-intenzjoni tal-kwerelat li "jirrimprovera" lill-kwerelant li hu kien qiegħed jixħet ombra fuq il-qassisin, filli kien qiegħed jippersisti li t-tifla tiegħu ma kienx imissha tikkonsulta saċerdot, imma kien imissha marret għand il-Pulizija; partikularment meta jiġi kunsidrat li l-kwerelant kien jaf li l-kwerelat kien appuntu s-saċerdot prepost mill-Awtorità Ekkleżjastika għal daqshekk. Dan hu appuntu dak li l-Carrara jsejjaħ "l'animo di correggere", fuq l-awtorità ta' Menckenio, Dissert. de probat. animi inferendae unjuriae. thes. 20, p. 59. Din il-korrezzjoni fil-fattispeċje, meta wieħed iqies il-kwadru taċċirkustanzi li fihom żvolġiet ruħha, ġiet magħmula b'moderazzjoni u konvenjenża, u bla ebda eċċess ta' espressjoni. Meta wieħed iħares lein is-sitwazzjoni taż-żewġ kon-

tendenti u ċ-ċirkustanzi tal-każ kif żviluppaw ruħhom, ma jistgħax ma jiġix għall-konklużjoni li dan kien il-każ mhux biss tal-"jus retorquendi", imma anki, frammist miegħu, tal-"jus corrigendi sive istruendi", Il-kwerelat, difatti, meta qal il-kliem posti a bażi tal-kwerela, ċjoè "int għandek kontra l-qassisin", kien mhux biss qiegħed jiddefendi l-istat tiegħu ta' saċerdot, offiż mill-atteġġjament tal-kwerelant li ma riedx jisma' bl-intervent paċifiku ta saċerdot, u li nkaponixxa ruħu li t-tifla kien imissha nvokat l-assistenza tal-Pulizija (u f'dan il-każ il-kwerelat hu protett bl-"animus retorquendi"), imma kien ukoll qiegħed jirrikjama għal emenda l-interlokutur tiegħu, li kien qiegħed jiżbalja li jittratta rozzament tentattiv ta' soluzzjoni paċifika magħmul minn saċerdot li kien ikopri kariga imwaqqfa proprju għal dak il-fini; u minn dan l-aspett il-kwerelat ġie protett mill-"animus corrigendi" (ara Carrara, para. 1755-1756, u nota (1) taħt dan il-paragrafu tal-aħħar, fejn huma ċitati awturi oħra, u mogħtija eżemplifikazzjonijiet tratti minn każistika in propożitu — Vol. III, p. 104-109);

Għalhekk il-kwerela mhix sostnuta;

Għal dawn il-motivi;

Din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-kwerelat mhux ħati, u tilliberah; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-kwerelant, tassabbli, kwantu għad-drittijiet tad-difensuri, "uti infra";

Għas-seduta tat-22 ta' April 1961 tnax il-xelin, u għaxar xelini għal dik tal-lum.